***Kunsill Lokali Marsaskala***
Ġnien Sant'Anna, Pjazza Dun Tarċis Aguis, Marsaskala
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**ID-DISA` LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 23**

**It-Tnejn 13 t'April 2026.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta ġewwa l-uffiċini tal-Kunsill fis-6.00 ta' filgħaxija u mxandra fuq il-website tal-Kunsill.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
Janice Falzon – Viċi Sindku
Patrick Camilleri-Kunsillier
Charlot Mifsud – Kunsillier
Celine Camilleri – Kunsillier
Francis Gilford – Kunsillier
Jesmond Abela - Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
Beverly Saliba – Kunsillier

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Eżekuttiv

**23.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ittra t' apoloġija tal-Kunsillier is-Sinjura Beverly Saliba.

**23.2** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti: Laqgħa 22 li saret Nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2026:</u>***

**23.2.1** **<u>Korrezzjoni tal-Minuti: Laqgħa 22 li saret Nhar it-Tnejn 9 ta'Marzu 2026:</u>**

**23.2.1.1** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

**Il-minuti ġew unanimament approvati u ffirmati hekk kif emendati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**23.2.2** **<u>Matters Arising tal-Minuti: Laqgħa 22 li saret Nhar it-Tnejn 9 ta' Marzu 2026:</u>**

**23.2.2.1** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 2 artiklu 22.2.2.3 rigward il-lattrina tar-ramla San Tumas u qal li l-madum inqala kollu u s-saqaf u il-ħitan ma twaqqawx però ġew trattati b'ċertu kimiċi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk trattawh bil-kimiċi dak jerġa jaqa kollu wara massimu ta' erba snin.

**23.2.2.2** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 3 artiklu 22.2.2.8 jekk intbgħatitx l-ittra lis-sidien tar-ristoranti rigward l-iskart u jekk fil-pozittiv jekk kellnix xi feedback mingħand is-sidien tal-ħwienet.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-ittra kienet intbgħatet.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-akbar problema li hemm tinsab fil-bandli.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi dawk li kapaċi jħammġu barra aħseb u ara x'għandhom fil-kċina.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi jekk din mhux ħa nagħmlu xi ħaġa bis-serjeta fuqha ħa jkollna problema kbira speċjalment issa fis-sajf.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi l-kuntratturi mhux qed jaċċettaw li jinżlu jiġbrulhom l-iskart f'Marsaskala.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu jaf b'kuntratturi li lesti jgħamlu dan is-servizz f'Marsaskala u jistgħu jahdmu ma aktar minn kuntrattur wieħed.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal li hu ta l-idea illi jara liema huma l-istabbilimenti tal-ġnien u nibgħatu għas-sidien kollha.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu jaf li hemm wieħed mill-istabbilimenti ta' ġol bandli li għandu kuntrattur li jiġborlu l-iskart.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri wiegeb illi fuq dak li kien qal is-segretarju Ezekuttiv li konna aħna li għednilhom sabiex jitfaw l-iskart fid-dahla tal-bandli go skips primarjament, issa għandna nkunu aħna li ngħidulhom li din is-sistema mhux qed taħdem u hemm post fejn jilagħbu t-tfal u ma jistax ikun hemm iktar dan l-iskart fil-vicinanzi.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hemm il-camera ta' ħdejn Villa Sant Anna li issa mhumiex qed jintużaw u jistgħu jitmexxew għal ġol ġnien u nkunu nafu min qed iħammeġ.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu ta' l-ideja li l-parti fejn qed jintrema l-iskart fiha tiġi magħluqa mill-aċċess u jsiru tabelli sabiex ma jintefax skart fiha.

Kien hemm qbil li nibgħatu ittra lil tal-ħwienet b'data u ħin sabiex issir laqgħa magħhom.

**23.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 3 artiklu 22.2.2.9 fejn qal illi l-funtana ta' Ġnien Sant Anna mhux qed taħdem.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tinsab bil ħsara, però jħoss li hawn dizastru sħiħ f'Marsaskala u l-funtana hi l-inqas ħaġa bħalissa li tista titkellem dwara għalkemm din ħa tittranġa pero' hawn ħafna affarijiet oħra ta prijorita' fosthom ħafna tabelli neqsin.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jekk hemm bzonn tinbidel pompa għandna nibdluha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandha l-ħsarat però ser issir ukoll.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-funtana l-oħra ta Ġnien Charles Clews għalih nimlewha bil-ħamrija għaliex dejjem bil-problemi.

Zied jgħid ukoll illi huwa diġa tkellem ma' Alan Clews fejn qabel mad-deċiżżjoni.

Kien hemm qbil fuq dan.

**23.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 5 artiklu 22.3.8. rigward l-appell.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech irrefera għal dak kollu li kien intqal fis-seduta preċedenti fejn kienet ngħatat spjegazzjoni xierqa mill-Kunsillier Dr Errol Cutajar.

**23.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 artiklu 22.3.17 u jekk sarx xi progress fuq id-drenaġġ ta' Zonqor.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi x-xogħol għadu għaddej. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-persuna responsabbli mil-pixxina qed jgħid li l-għejxien tiegħu jaqlagha mill-pixxina fiz-żmien is-sajf filwaqt li s-Sur Desira għan-nom tal-waste water Unit kien semma il-possibilta' li biex tissolva l-problema ser ikun hemm bzonn li jaqla l-mejn kollu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-ġimgħa kellu jinbeda ix-xoghol fuq it-tibdil tal-mejn tad-drenagg.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din il-problema bdiet għaliex il-bitħa tal-lattrina kienet mimlija drenaġġ, u ġibna lil xi ħadd inaddaf is-sufun u naddaf u neħħa s-sadd izda imbagħad irriżulta li kien hemm anke sadd mil-lattrina u l-manhole ta' ħdejn il-bajda u s-sewda u sabu li hemm biċċa connection fiha 3 metri fil-kantuniera tal bajda u s-sewda fejn għaddew connection u għaqduha. Wara li sar dan ix-xoghol reġa beda jfur id-drainage fil- manhole li jtellaw l-ilma minnha fil-pixxina..

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi kellhom jikru camera sabiex isir progress u zied jghid li din hija kwistjoni ta emerġenza u meta tkun emerġenza suppost il-WSC jiftħu l-main tad-drenaġġ.

**23.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq paġna 7 artiklu 22.3.18 rigward il-pompa tal-magħluq.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-pompa nbidlet però qed jistennew lill Enemalta biex iqabbdu mad-dawl.

**23.2.7** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 22.3.19 rigward korsijiet tal-AI.

Il-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri qal illi tajjeb li nagħmlu korsijiet f'Marsaskala , hu qal illi hemm bzonn ghalliem u post però qal li trid tkun taf x'udjenza għandek u bħala introduzzjoni għandek siegħa, però bħala hands on għandek bżonn ħafna aktar ħin.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal jiddependi x'udjenza jkollok għaliex jekk anzjani mod u jekk żagħżagħ mod ieħor.

Il-Kunsillier is-Sur Parick Camilleri qal illi hu sa l-aħħar ta' Mejju ma jistgħax jibda korsijiet għalhekk ser naraw x'jiġri wara.

**23.2.8** Il-Kunsillier is-Sinjorina Celine Camilleri staqsiet fuq paġna 6 artiklu 22.3.14.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm bżonn li jinqala t-tapit tal-bandli fi Pjazza Mifsud Bonnici għaliex dan mhux ser jinbidel dan is-sajf minn Infrastucture Malta u għalhekk hemm bżonn li naqilgħu t-tapit mir-Ramla fejn ser jinbidel il-bandli kolli u nitfawh fi pjazza Mifsud Bonnici.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dax-xogħol jista jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill ftit ftit kuljum. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**23.2.9** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon tkellmet fuq paġna 5 artiklu 22.3.7 qal illi irridu nibgħatu email biex jallokawlna area huma fil-family park u nkunu nistgħu napplikaw għal din l-iskema tal-Cat Cafe skond kif kienet diga approvata fis-seduta preċedenti.

**23.2.10** Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon staqsiet fuq San Tumas fejn hemm sqaq ħdejn il-boat houses fejn qed jidħol l-ilma fil-boat houses fl-aħħar daħla.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal illi ma jafx biha.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet li t-triq twittiet però qed jgherqu l-kmamar. Il-Vici Sindku qalet illi ħattew skoss ġebel u ma leħqux inqabdu min kienu.

Il-Kunsillier is-Sur Francis Gilford qal sejjer jiċċekkja għada filkas jibgħat lill Perit Anton Zammit.

**23.2.11** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 4 artiklu 22.3.5.3 fejn qal illi applikajna għall-fondi għall Karnival tas-Sajf li din id-darba gej fit-23 t'Awwissu 2026.

**23.2.12** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi x-xogħol f'Marsaskala għaddej ġmielu.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa rigward il-parkeġġ li qed isir ħdejn it-Tiffanys u jekk hux ser jintilef xi parkegg.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi in-numru ta' parkeggi ser jibqa l-istess jew jizdied bi ftit.
Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi xorta jħoss li l-Kunsill għandu jkollu indikazzjoni bi pjanti tax-xogħolijiet kif ġejjien għaliex ma jkunx jaf kif ser jirrispondi kif jistaqsuh residenti.

**23.3 Komunikazzjoni mis-Sindku:**

**23.3.1 PA/01585/26 Marigold Triq ta' Gidwett c/w Triq il-Kannella c/w Triq il-Vjola (35/1052/26/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hawn xi erbatax il-resident li qed joġġezzjona għal applikazzjoni PA 01585/26 fejn l-oġġezzjoni ser tkun ibbazata fuq dan li ġej;

Jekk ser jiżdiedu dal-postijiet kollha ser ikun hemm bzonn ta swill room
Il-htieg ta water reservoir
L-ebda parkeġġ mhux ser ikun ipprovdut għal din iz-zieda t'appartamenti.

Ir-resident prezenti għan-nom tal-oġġezzjonanti l-oħra tkellem u qal illi l-applikazzjoni saret mil-Perit Borġ Camilleri u ma ntalbet l-ebda kunsens lis-sidien prezenti u dan kontra dak li hemm mniżżel fl-applikazzjoni. Hu qal illi l-problema tagħhom hi id-densita tal-proġett u dan peress li fil-passat kien hemm proposti 6 units biss addizzjonali u għal din l-applikazzjoni ma kienx hemm oġġezzjoni mis-sidien fejn anke tkellmu magħhom, però issa żiedu għal tmintax fl-applikazzjoni il-ġdida.

Is-Segretarju Ezekuttiv staqsa x'qal l-avukat lir-residenti għaliex tezisti policy li tħallik tibni mingħajr garaxxijiet pero trid tħallas multa magħrufa bħala CPPS pero jista jkun il-kaz li tkun qed tinkiser policy oħra.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bħala Kunsill ma tantx hemm wisq x'nistgħu ngħamlu u spjega li madwar għaxar snin ilu l-Kunsill lokali kien oġezzjona kontra l-proposta ta high rise buildings imma xorta waħda għaddiet din il-policy u dik kienet il-qerda ta' Marsaskala.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill idaħħal l-kummenti tiegħu fejn jgħid illi kemm-il darba li f'din l-applikazzjoni tkun qed tinkiser xi policy tal-Planning Authority, il-Kunsill Lokali jista jigi ikkunsidrat bħal objector.

**23.3.2 Sleeping policeman Triq il-Vjola (35/0654/26/I):**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-proposta li tiċċaqlaq din l-isleeping policeman għal ħdejn l-istop sign fit-tarf tat-triq mhijiex possibli peress li zgur li muhux ser tiġi aċċettata minn TMalta. Hu qal illi l-Kunsill l-ewwel jibgħat il-proposta tiegħu imbagħad TMalta jagħtu is-suġġerimenti tagħhom pero din it-talba tmur kontra il-policies ta' TMalta. Dan is-suġġett ġie diskuss fis-seduta preċedenti u qed nerġgħaw intellawa għaliex ir ritratt ma kienx ċar.

Kien hemm qbil li tibqa kif inhi.

**23.3.3 Problema tal-iskart tal-ħwienet Pjazza Mifsud Bonnici:**

Dan il-punt diġà ġie diskuss fi 22.2.2.2.

**23.3.4 Laqgħa mal Manager Gal Xlokk:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa mal-Manager tal-GAL Xlokk is-Sur Jeremy Baker u Gaby fuq applikazzjoni ta'progett ta' rehab fil-lokal. Dan jinvolvi Councilling mat-tfal bl-awtizmu, anzjani eċċ.

**23.3.5 Attivita Girl Guides:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsilliera huma mistiedna għall-attivita' li ser issir mill-Girl Guides is-Sibt fis-6:30pm.

**23.3.6 Karnival tas-Sajf:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dan ser isir fit-23 t'Awwissu 2026.

**23.3.7 Zjara fiċ-Ċina:**

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela qal illi ġew milqugha tajjeb ħafna u ġie iffirmat il friendship agreement kif ukoll ġie l-ambaxxatur Malti li jgħix iċ-Ċina ġie apposta sabiex jiltaqa' magħhom f'din l-okkazjoni. Is-sur Jesmond Abela qal illi min Dujayan stiednuhom għal attività li jgħamlu huma kull sena li huwa r-release tal-ilma fejn elfejn sena ilu dan l-engineer kien għamel proġett sabiex ikollhom is-sistema tal-ilma. Qal li ġew intervistati mill-gazzetti tal-lokal kif ukoll stazzjoni televizivi u qal illi wara marru fil-post tal-artist li qed jaghmel l-istatwa u raw ix-xogħol li jgħamel dan l-iskultur. Qal illi kienu mistiedna ġo sptar bil-mediċina tagħhom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kienet esperjenza sabiħa ħafna u jinkoraġixxi l-Kunsilliera illi jekk ikun hemm opportunita' oħra jitthajru sabiex jattendu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-iskultura ser titpoġġa fuq il-promenade fejn kien hemm il-bridge u qed jaħseb li jitpoġġa fit-30 ta' Ġunju 2026.

**23.3.8 Rikonoxximent Jum Marsaskala:**

Peress li tkellimna fuq rikonoxximenti għall Jum Marsaskala kont qed nitkellem mall-Kunsillier is-Sur John Baptist Camilleri u ħsibna li din is-sena ngħażlu xi artisti mill-Lokal. Is-Sindku qal illi hu għandu wkoll zagħzugh li għadu kemm ħareġ ktieb sabiħ immens u qliegħ tiegħu marru kollha għall-Puttinu cares.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi tajjeb li nibdew niġbru n-nomini min nies u fl-aħħar nagħżlu minnhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi jekk ser ngħamlu sejħa man-nies sabiex jibgħatu n-nomini tagħhom tajjeb li innizlu l-parametri ta' xi jrid ikollhom.

Kien hemm qbil li ntellaw il-post f'Ġunju.

**23.3.9 Xogħol fil-bandli:**

Is-sindku informa lill-kunsilliera li kien tkellem mal-Perit Massa u Perit Janice Borg rigward il-bandli fi Pjazza Dun Tarciz fejn infurmawh li dan ix-xogħol mhux ser isir issa izda wara sajf li ġej.

**23.3.10 Esebizzjoni tal-artist Rudy Bulher:**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellu laqgħa skedata ma' Rudy Bulher rigward l-arti fil-beraħ li ser issir fis 26 ta' Gunju 2026. Is-Sur Buhler staqsa jekk nistawx ngħinuh almenu fl-ispiza tas-Security u hu qallu li ser jiddiskuti mall-Kunsill. S'issa għadna ma nafux jekk hux ser issir fuq il-promenade minħabba xogħol li għaddej jew inkella fejn il-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi u deċizzjoni li ittieħdet is-sena l-oħra rigward din l-attivita' kien ġie deċiz li jkun aktar għaqli li din l-attivita' tkun miftuħa għal artisti oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan il-bniedem fetaħ orizzonti ġodda għal artisti f'Marsaskala u jiġi hawn jiġi jesebixxi kif ukoll ibiegħ u tajjeb li l-Kunsill qed jgħati pjattaforma bħal din. Il-Kunsillier John Baptist Camilleri qal illi hu però jħoss li din għandha tkun miftuħa u mhux biss taħt l-isem ta dan l-artist.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi qed naraw anke li l-xmas village mhux qed ikun ta suċċess kbir għalhekk tajjeb li naħsbu biex nuzaw dan il-kunċett u l-artisti ikunu jistgħu jesebixxu t-talenti tagħhom waqt l-attivita tal-Milied.

Kien hemm qbil li s-Sindku s-Sur Mario Calleja kif ukoll l-Kunsillier is-Sur John B Camilleri jitkellmu mas-Sur Buhler sabiex niftħu l-esebizzjoni għal artisti oħra.

Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas għas-security.

**23.4 <u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillier:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija.

**23.5 <u>Rapporti:</u>**

**23.5.1 <u>Aġġudikazzjoni tat-tender KLM 2026/01 Supplies-Tender for the purchase of a fully electric van to the Marsaskala Local Council:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kelna offerent wieħed fejn huwa l-istess offerent li xtraw mingħandu l-Kunsill tal-Marsa u ma kellhomx ilmenti. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li il-bord qed jirrakkomanda li l-offerat tingħata lil uniku offerent peress li kien compliant mar-rekiziti kollha li kien hemm fis-sejħa għall-offerti.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa jekk għandiex xi ritratti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-van *two seater* minħabba l-battery limitation, għandu rage ta 200km u two wheel drive u jiccargja bi plakka

Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill Lokali jaccetta ir-rakkomandazzjoni tal-bord u jaġġudika dan it-tender lil uniku offerent.

**23.6 <u>Items oħra ta xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra.

**23.7 <u>Korrispondenza:</u>**

**23.7.1 <u>Request for discussion and objection PA1585/26:</u>**

Dan il-punt ġie diskuss diġà.

**23.7.2 <u>Mrs Alexandra Mallia renewal of contract:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-ħaddiema s-Sinjura Alexandra Mallia qed titlob tiġdid tal-kuntratt tagħha peres illi għaddiet sena mill-aħħar darba li kella tiġdid tal-kuntratt peress li kienet waslet fiz-zmien tal-pensjoni f'liema ittra qed turi ix-xewqa li tkompli taħdem mall-Kunsill.

Il-Kunsill qabel illi l-kuntratt jiġi imġedded.

**23.7.3** **<u>Tyre Claim PMG006:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech ppreżenta quddiem il-Kunsill claim ta individwu li ġarrab ħsarat fit-tyre fit-Triq id-Daħla ta' San Tumas.

Kien hemm qbil li jingħata rifużjoni ta 70%.

**23.8** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti Nru 23:</u>***

**23.8.1** ***<u>Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech pprezenta invoices li daħlu tard:</u>***

- ***<u>Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon ħarġet mill lagħa fit-19:53.</u>***

| **<u>Name</u>** | **<u>Inv No</u>** | **<u>Desc</u>** | **<u>Amount</u>** |
|---|---|---|---|
| Marsaskala Futsal | 9 | Clean up event at bidni area | Eur500 |
| The ironmongery | SA327879 | Consumables | Eur376.95 |
| EcoPure | 1349566 | Water | Eur9.40 |
| Ozo Malta | PSIN39177 | Cleaning of council | Eur49.16 |

**23.8.2**

**23.8.3** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Jesmond Abela issekonda. Il-votazzjoni kienet 8 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.

**23.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

Ma kien hemm l-ebda mozzjoni.

**23.10** Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8:00pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2026 fis-6.00pm.

Ikkonfermat illum 13 t'April 2026.

IFFIRMAT

____________

**Josef Grech**
**Segretarju Ezekuttiv**

IFFIRMAT

________________

**Mario Calleja**
**Sindku**